MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1270/2002/1

**Pauline Tanti bhala Kuratrici ‘ad litem’ ta’ binha minuri Christian Tanti u b’digriet gew nominati Joseph u Antonia konjugi Muscat bhala Kuraturi tal-minuri Christian Tanti**

**Vs**

**Mario u Josette konjugi Micallef**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li bih intalab li l-konvenuti jhallsu lill-attrici bhala kuratrici ad litem ta’ binha minuri Christian Tanti, s-somma ta’ tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm381.69c) rapprezentanti danni sofferti ghall-medicini u spejjez medici konsegwenza ta’ griehi sofferti minn binha minuri meta waqa’ go bir sitwat fi plot ossija sit proprjeta’ tal-konvenuti, liema incident sehh unikament b’imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti da parti ta’ l-istess konvenuti.

Ra li fil-mori tal-kawza mietet Pauline Tanti u b'digriet gew nominati Joseph u Antonia konjugi Muscat bhala kuraturi tal-minuri Christian Tanti.

Ra r-Risposta tal-konvenuti li qed jikkontestaw u jichdu t-talbiet attrici bl-ispejjez peress illi dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-incident sehh unikament tort ta' l-imprudenza u negligenza tal-minuri u tal-genituri tieghu li naqsu mid-dmir li jiehdu hsieb tal-minuri kif rikjest mil-ligi. Illi l-konvenuti m'humiex responsabbli ta' kwalunkwe danni li allegatament sofra l-minuri, u konsegwentement anqas ta' l-ispejjez pretizi mill-attrici. Illi l-ammonti m'ghandhomx jigu sofferti mill-konvenuti, stante illi l-attrici stess waslet biex l-ispejjez jammontaw ghas-somma minnha reklamata meta ghazlet illi tikkura lit-tifel fi sptar privat meta kellha l-facilita' tuza s-servizzi medici bla hlas offerti fi sptar pubbliku.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' x-xhieda u ra n-Noti ta' Referenzi w Osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ra x-xhieda ta' Antonia Muscat, in-nanna ta' Christian Tanti, li qieghda tidher minflok il-genituri tieghu billi dawn gew nieqsin. Tghid illi bintha Pauline u Christian kienu joqghodu fl-istess dar maghha, fl-istess triq fejn kien sitwat il-hanut tal-pastizzi li kellha, u t-triq li fiha sehh l-incident in kwistjoni. Hija rat lit-tifel ghaddej fit-triq waqt li kienet qieghda tahsel l-art barra. Kien miexi fid-direzzjoni tad-dar taghha mill-hanut t'ommu. F'din l-istess triq kien hemm dar imwaqqa', liema dar ma kellhiex *boundary wall* jew hajt biex iwaqqaf lin-nies milli jidhlu f'din is-sit.

Tiddikjara li Josephine Bonnici, li tigi bintha wkoll, infurmatha li t-tifel waqa' go bir. Huwa ttiehed il-clinic fejn ghamlulu l-ponti ghaliex kellu xi feriti f'saqajh. Tikkonferma li t-tabib li ha hsieb Christian u li kien jigi wkoll jikkurah id-dar kien Dr Alex Magri. Xi jiem wara ndunaw li ddennewlu l-ponti, telaghlu d-deni u konsegwentement kien mugugh hafna. Meta regghu hadu lil Christian l-Isptar San Luqa qalulu li ma kellu xejn.

Ghaldaqstant it-tabib taghhom irrakkomanda li jiehduh fi sptar privat, fejn dahluh mill-ewwel u ghamlulu d-drip.

Ra x-xhieda ta’ Josephine Bonnici li dakinhar ta’ l-incident kienet fil-forn tal-pastizzi tghin lil ohtha Pauline. Tghid li dak iz-zmien Pauline kienet qieghda tghix m’ommha u missierha ghal xi zmien, li joqghodu ftit ‘il fuq mill-hanut fl-istess triq. Hija semghet lil ohtha tghid li waqa’ t-tifel taghha fil-bir li kien jinsab fi plot fl-istess triq. Il-plot in kwistjoni hija sitwata fl-istess naha tat-triq tal-forn, u tigi ezatt bejn id-dar tal-genituri u l-hanut. Qabel l-incident Christian kien fil-hanut u kien sejjer ghand nanntu. Tiddikjara li l-plot ma kellha l-ebda hajt madwarha u kien hemm xi haxix hazin u gebel. Xi nies fil-vicinanzi taw l-ewwel ghajnuna billi nizlu habel fil-bir u gieghlu lit-tifel jintrabat bih sabiex tellghuh. Tishaq illi hdejn il-bokka tal-bir kien hemm *hardboard* mherrija b’toqba fin-nofs.

In kontro-ezami x-xhud tghid illi t-tifel ta’ disa’ snin telaq mill-hanut wahdu. Tikkalkula li hemm distanza ta’ hames darbiet l-Awla tal-Qorti bejn il-hanut u dar nanntu, u dan it-tragitt kien jaghmlu ta’ spiss. Mhux l-ewwel darba li t-tifel mar wahdu. Tghid illi ma tafx jekk kienetx l-ewwel darba li t-tifel mar f’din il-plot. Gieli rat xi karozzi pparkjati f’din l-istess plot, u ma tiftakarx li kien hemm tank u banju taz-zingu fuq il-plot. Tghid li t-tifel ma kellux permess biex jidhol f’din il-plot, madanakollu ma kien hemm ebda avviz li jghid li hadd ma seta’ jidhol.

Ra l-Affidavits esebiti ta’ Antonia Muscat u Michael Cortis.

Antonia Muscat tiddikjara li tigi n-nanna ta’ Christian Tanti, li jigi bin it-tifla taghha Pauline Tanti illi mietet tragikament fl-2002. Antonia u zewgha gew nominati bhala kuraturi tal-minuri Christian u ohtu, li t-tnejn jghixu maghhom illum. Dakinhar ta’ l-incident, bintha l-ohra Josephine talbitha xi hwejjeg ta’ Christian ghaliex kien waqa’ fil-bir li kien hemm fi plot vojt li jinsab fl-istess triq, u kienu se jiehduh ghall-kura. Tikkonferma illi kemm damet imwaqqa’ d-dar ma nbena l-ebda hajt madwarha u ghaldaqstant seta’ jidhol min irid. Tghid illi hadu lil Christian l-Isptar San Luqa fejn ghamlulu l-ponti f’saqajh u baghtuh lejn id-dar. Wara

madwar gurnata telghalu d-deni u gabu lit-tabib tal-familja Dr Alex Magri ghall-vista, li qalilhom li t-tifel ahjar jittiehed l-isptar ghall-kura. Haduh l-Isptar San Luqa izda ma zammewhx ghall-osservazzjoni. Tghid illi Christian kellu l-materja f'saqajh u regghu baghtu ghat-tabib illi nsista li Christian, barra li kellu bzonn il-kura, kellu jinghata d-drip, u ladarba l-Isptar San Luqa kienu qed jirrifjutaw li jzommuh ghal izjed kura, fl-interess tat-tifel haduh l-Isptar Capua sabiex jinghata l-kura sewwa u kif suppost.

Michael Cortis kien jghix fl-istess triq bieb ma' bieb il-plot fejn sehh l-incident in kwistjoni. Jghid li jkun hemm kwazi kuljum hdejn xi hbieb. Dakinhar ta' l-incident kellu lit-tifel ta' erbatax-il sena mieghu, li kien qieghed hdejn il-vann taghhom ipparkjat hdejn il-post imwaqqa', meta sema' li kien waqa' xi hadd gol-bir fil-plot. It-tifel qal b'dan lil missieru li mar fuq il-post. Irnexxielu jtellghu billi waddab habel lit-tifel, dan rabtu madwaru u tellghuh. Huwa jghid li kien hemm bicca *hardboard* fuq il-bokka tal-bir b'toqba go nofsha. Jikkonferma li din id-dar imwaqqa' ma kienetx imdawra b'hajt u kulhadd seta' jidhol fiha. Wara li sehh l-incident gie mtella' hajt madwar.

Rita Galea xehdet li meta gara l-incident il-plot ma kienetx mibnija. Rita Galea qalet li gieli rat lill-konvenut inaddaf, jibni jew jirranga fil-plot. Galea qalet li qabel l-incident kien hemm banju maqlub wiccu 'l isfel fejn il-bir. Hi tassumi li l-banju kien fuq il-bir izda qatt ma dahlet fil-plot.

Victor Polacco xehed li kien hemm banju jghatti t-toqba tal-bir izda l-plot kienet mikxufa fis-sens li ma kienx hemm hajt li jwaqqaf lin-nies milli jidhlu fil-plot. Minn meta twaqqghet id-dar sakemm gara l-incident kienu ghaddew ix-xhur.

Ra x-xhieda ta' Dr Alex Magri li qal li kien qieghed jinsisti ma' St Lukes li jaghtu kura li ssugerixxa hu lil Christian Tanti izda St Lukes ma zammewx lil Tanti fl-isptar bhalma kien qieghed jissugerixxi Dr Magri. Dr Magri spjega li kien inkwetat minhabba t-tifel.

Ra x-xhieda ta’ Mario Micallef li qal li kien jghaddi minfejn il-plot tieghu kull gimgha. Fuq il-bokka tal-bir kien hemm banju antik tal-hadid, kanna, tank ta’ l-erbghin, *plywood* taht u *bricks* fuqhom. L-ahhar li mar fuq il-post qabel l-incident dawn l-affarijiet kienu hemm. Mario Micallef qal li hu kien ghamel it-tape madwar il-plot diversi drabi izda diversi drabi tnehha.
Josette Micallef qalet li minn meta twaqqa’ l-post sakemm gara l-incident ghaddew ix-xhur u dan mhux tort tal-konvenuti izda minhabba l-MEPA.

Dr Maryrose Cassar xehdet li pazjent dejjem jista’ jaghzel li jmur privat u Dr Sultana bhala tabib kuranti seta’ jaghtih parir biex jiddahhal St Lukes u seta’ jarah privatament.

**Ikkunsidra**

Illi l-konvenuti jghidu li m’hemmx ness ta’ kawzalita’ bejn id-dannu allegat mill-attrici u dak li allegatament naqsu milli jaghmlu l-konvenuti. Il-konvenuti jsostnu li l-imsemmi ness gie miksur bl-intervent ta’ terzi u cjoe’ bin-nuqqas ta’ dawk it-terzi responsabbli li jirrokoveraw lill-minuri Christian Tanti fl-Isptar San Luqa ghall-kura bla hlas.

Il-konvenuti jghidu wkoll li l-incident gara minhabba nuqqas ta’ sorveljanza da parti tal-genituri tal-minorenni.

M’hemmx dubju li l-genituri tal-minorenni kellhom id-dover ta’ sorveljanza fuq it-tifel ta’ disa’ snin. **McKerron** fil-ktieb **The Law of Delict** (**page 71)** jikteb:

“The rule that you are to love your neighbour in the classic words of Lord Atkin in Donoghue Vs Stevenson, becomes in law you must not injure your neighbour. But further the law does not ordinarily go; it does not impose a positive duty to shield others from injury. The law requires each man to take due care for his own safety, and if he fails to do so, it will not assist him. This principle in the natural corollary of that individualism which is the foundation of the whole of the private law. I must regulate my conduct so as not to cause injury to my neighbour, but I owe no duty to my neighbour if, voluntarily and with full knowledge

of the risk he is running, he brings himself within the danger zone of my activities. He is free to take the risk or not as he pleases, but if he does so he has only himself to blame if he suffers injury."

Josephine Bonnici oht Pauline Tanti qalet li Christian Tanti li kellu disa' snin meta gara l-incident kien jimxi wahdu bejn il-hanut t'ommu u d-dar tan-nanna ta' spiss. Illi dawk li kellhom jiehdu hsieb lil Christian Tanti kienu jafu li kien hemm il-plot u jekk kien hemm bir mghotti biss b'bicca *hardboard* kellhom id-dover li jkunu iktar attenti u ma jhallux lit-tifel imur wahdu fejn jista' jkun hemm il-periklu. Fil-kawza **Farrugia Vs Polidano - PA 25/2/1967** imsemmija mill-konvenuti saret referenza ghal **Beckerson Vs Dougherty (1953) 2 D.L.R. 498**:

"The absence of proper supervision of a child on a public highway contributes negligence on the part of a parent."

L-atturi jghidu li l-konvenuti holqu sitwazzjoni ta' periklu billi naqsu milli jiccirikondaw is-sit proprjeta' taghhom (fejn kellhom dar u waqqghuha). Illi skond il-permess (ara fol 36 et sek tal-process) li nghata lill-konvenuti l-istess konvenuti kellhom itellghu "suitable hoarding to a minimum height of 2 metres...to enclose...the site in case of demolition". L-atturi jghidu li kieku kien hemm dak il-hajt, l-incident ma kienx isehh.

Illi l-konvenuti kellhom l-obbligu li jzommu l-proprjeta' taghhom b'mod li ma tkunx ta' periklu ghat-terzi. Illi kienu jafu li hemm bir u kellhom id-dover li jassiguraw li hadd ma jista' jaqa' gol-istess. Fil-kawza **Rosaria Attard et Vs Joseph Farrugia noe - Appell 14/7/1988** saret referenza ghal **Charlesworth: The Law of Negligence (second edition 155-156)**:

"The obligation to maintain premises adjoining the highway so that they are not dangerous to persons using the highway extends to fences and boundary walls adjoining the highway. If a person in the ordinary and reasonable use of the highway leans upon or otherwise comes in contact with the fence or wall so that it gives

way and he is injured he can recover from the occupier of the premises.”

**Carrara** jghid:

“La essenza della copla sta tutta nella prevedibilita’”.

Illi l-attrici kellha d-dritt li tiehu dawk il-mizuri necessarji sabiex tassigura li Christian Tanti jkollu l-ahjar kura fic-cirkostanzi. Illi ma kien hemm xejn mhux ragunevoli fl-agir ta’ l-attrici meta riedet tiehu lil Christian Tanti fl-Isptar Capua. L-atturi jaghmlu referenza ghall-kawza **XLVII.i. 209** fejn intqal:

“Ghal sahhtu kulhadd ghandu d-dritt li jikkonsulta iktar minn tabib wiehed lokali jew esteru...u ghalhekk ghandu d-dritt jirreklama bhala danni anki spejjez li jkun ghamel biex jiehu kura barra minn Malta.”

Illi hemm ness ta’ kawzalita’ bejn il-griehi li sofra Christian Tanti u d-danni sofferti.

Tenut kont dawn il-fatti kollha, t-Tribunal jikkonkludi li z-zewg partijiet kellhom tort fl-incident, il-konvenuti in kwantu ghal zewg terzi (2/3) u l-attrici in kwantu ghal terz (1/3).

Ghaldaqstant jiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli in parte ghall-incident u jikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi bhala kuraturi ta’ Christian Tanti l-ammont ta’ mitejn u erbgha u hamsin lira Maltin u sitta w erbghin centezmu (Lm254.46c). L-ispejjez jinqasmu in kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghall-konvenuti u terz (1/3) ghall-atturi. L-imghax mid-data tas-sentenza kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------